Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla Estiża)

1 ta' Marzu 2023*

"Sussidji – Importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibri tal-ħġieġ b'filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/870 – Dritt kumpensatorju definittiv u ġbir definittiv tad-dazju kumpensatorju provviżorju – Drittijiet tad-difiża – Imputabbiltà tas-sussidju – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Sistema ta' rifużjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni – Trattament fiskali tat-telf tal-kambju – Kalkolu tal-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz"

Fil-Kawża T-540/20,

**Jushi Egypt for Fiberglass Industry SAE**, stabbilita f'Ain Soukhna (l-Eġittu), irrappreżentata minn B. Servais u V. Crochet, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn P. Kienapfel, G. Luengo u P. Němečková, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

**Association des producteurs de fibres de verre européens (APFE)**, stabbilita f'Ixelles (il-Belġju), irrappreżentata minn L. Ruessmann u J. Beck, avukati,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla Estiża),

komposta, waqt id-deliberazzjonijiet, minn H. Kanninen, President, M. Jaeger, N. Półtorak, O. Porchia u M. Stancu (Relatriċi), Imħallfin,

Reġistratur: M. Zwozdziak-Carbonne, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tat-22 ta' Marzu 2022,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

tagħti l-preżenti

**Sentenza**[1]

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Jushi Egypt for Fiberglass Industry SAE, titlob l-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/870 tal-24 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju kumpensatorju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu, u li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu (ĠU 2020, L 201, p. 10, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat"), sa fejn jikkonċernaha.

## I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti hija kumpannija kkostitwiti skont il-leġiżlazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, li l-azzjonisti tagħhom huma entitajiet Ċiniżi. L-attività tar-rikorrenti tikkonsisti fil-produzzjoni u fl-esportazzjoni ta' ċertu materjal tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa jew meħjuta (iktar 'il quddiem il-"MFĦ") u ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu (iktar 'il quddiem il-"FFĦ"), fejn dawn tal-aħħar jikkostitwixxu l-materja prima użata għall-produzzjoni tal-MFĦ. Dawn il-prodotti jinbiegħu b'mod partikolari fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

### *A. Fuq iż-żona ta' kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali Sino-Eġizzjana ta' Suez*

3 Ir-rikorrenti hija stabbilita fiż-żona ta' kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali Sino-Eġizzjana ta' Suez (l-Eġittu) (iktar 'il quddiem iż-"żona CECS"). Iż-żona CECS inħolqot b'mod konġunt mir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu u mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. L-oriġini tagħha tmur lura għas-snin 1990. Fl-1997, il-Prim Ministru Ċiniż u dak Eġizzjan iffirmaw protokoll ta' ftehim, li fih iż-żewġ pajjiżi kienu ftiehmu li "jikkooperaw bil-għan li jiżviluppaw iż-żona ekonomika ħielsa fit-Tramuntana tal-Golf ta' Suez".

4 Fl-2002, żona ġeografika iktar vasta ta' 20 $km^2$, li kienet tinkludi ż-żona CECS, ġiet ikklassifikata bħala żona ekonomika speċjali mill-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani, u b'hekk irrendiet applikabbli għaż-żona CECS il-liġi Eġizzjana Nru 83/2002 dwar iż-żoni ekonomiċi speċjali (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 83/2002").

5 Sussegwentement, entitajiet pubbliċi Ċiniżi u Eġizzjani ħolqu l-impriża Egypt TEDA Investment Co. (iktar 'il quddiem "Egypt TEDA"), li 80 % tal-ishma tagħha huma miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi u l-20 % li jifdal mill-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani.

6 Fl-2012, waqt żjara tal-President Eġizzjan fiċ-Ċina, dan tal-aħħar ikkwalifika ż-żona CECS bħala proġett prinċipali għall-kooperazzjoni bilaterali bejn iż-żewġ pajjiżi. Huwa esprima wkoll ix-xewqa li iktar u iktar impriżi Ċiniżi jinvestu fiż-żona CECS u jipparteċipaw għalhekk fil-programm ta' ristrutturar tal-Eġittu.

[1] Huma riprodotti biss il-punti minn din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis bħala utli għall-pubblikazzjoni.

7 Fl-2013, iż-żona CECS ġiet estiża b'6 km$^2$, skont kuntratt bejn Egypt TEDA u l-awtoritajiet Eġizzjani. Mill-istess sena, iż-żona CECS ġiet żviluppata fil-kuntest tal-inizjattiva Ċiniża "Belt and Road". Din l-inizjattiva, skont l-avviżi ta' gwida tal-Kunsill Ċiniż tal-Affarijiet tal-Istat dwar il-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni u ta' manifattura ta' tagħmir tat-13 ta' Mejju 2015, tinkludi l-possibbiltà għall-impriżi "li jistabbilixxu ruħhom barra mill-pajjiż", li jibbenefikaw minn politika fiskali favorevoli u minn għajnuna fiskali, self b'kundizzjonijiet liberali, minn għajnuna finanzjarja mogħtija permezz ta' self sindakat, krediti għall-esportazzjoni u għall-finanzjament ta' proġetti, investimenti f'fondi proprji u minn assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni.

8 Fl-2015, iż-żona ekonomika speċjali msemmija fil-punt 4 iktar 'il fuq, li ż-żona CECS kienet tifforma parti minnha, ġiet uffiċjalment integrata fiż-żona ekonomika tal-kanal ta' Suez (iktar 'il quddiem iż-"ŻKS"), żona iktar vasta, li tinkludi r-reġjun qrib il-kanal ta' Suez u rregolata mil-Liġi Nru 83/2002, fil-kuntest tal-"pjan ta' żvilupp tal-kuritur tal-kanal ta' Suez" imniedi mill-Eġittu.

9 Fl-2016, il-Presidenti taċ-Ċina u tal-Eġittu uffiċjalment inawguraw il-proġett ta' estensjoni ta' 6 km$^2$ taż-żona CECS u ffirmaw, fil-21 ta' Jannar 2016, ftehim bejn l-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi u l-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' kooperazzjoni tal-2016"), li ppreċiża l-portata u l-istatus legali taż-żona CECS.

10 Skont il-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-2016, l-awtoritajiet pubbliċi taż-żewġ pajjiżi għandhom jiżviluppaw iż-Żona CECS b'mod konġunt. Huma għandhom jagħmlu dan skont l-istrateġiji nazzjonali rispettivi tagħhom, jiġifieri l-inizjattiva "Belt and Road" għaċ-Ċina, minn naħa, u l-Pjan ta' Żvilupp tal-Kuritur tal-Kanal ta' Suez għall-Eġittu, min-naħa l-oħra. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani għandhom jipprovdu l-art, il-ħaddiema u ċerti eżenzjonijiet mit-taxxa, filwaqt li l-impriżi Ċiniżi li joperaw fiż-żona jħaddmu l-faċilità tal-produzzjoni bl-assi u bil-maniġers tagħhom. Biex jikkumpensaw għan-nuqqas ta' fondi Eġizzjani, l-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi għandhom isostnu wkoll dan il-proġett billi jpoġġu l-mezzi finanzjarji meħtieġa għad-dispożizzjoni ta' Egypt TEDA u tal-impriżi Ċiniżi li joperaw fiż-Żona CECS.

### *B. Fuq il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kkontestat*

11 Fl-24 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet ilment ippreżentat mill-intervenjenti, l-Assoċjazzjoni tal-produtturi tal-fibri tal-ħġieġ Ewropej (APFE), f'isem produtturi li jirrappreżentaw 71 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni, li jgħid li l-importazzjonijiet ta' FFĦ li joriġinaw mill-Eġittu kienu s-suġġett ta' sussidji u kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni.

12 Wara dan l-ilment, il-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 55, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Antisussidji bażiku"), fetħet, fis-7 ta' Ġunju 2019, investigazzjoni antisussidji fir-rigward tal-esportazzjonijiet ta' FFĦ u, b'mod iktar preċiż, kif jirriżulta mill-punt 2 tal-avviż ta' ftuħ ta' investigazzjoni, ta' ħajt maqtugħ tal-fibra tal-ħġieġ ta' tul li ma jaqbiżx il-50 mm, ta' faxex *(rovings)* tal-fibra tal-ħġieġ, bl-esklużjoni tal-faxex tal-fibra tal-ħġieġ mxappin u miksijin u li jkollhom telf mat-tqabbid bin-nar ta' iktar minn 3 % (kif iddeterminat mill-Istandard tal-ISO 1887) u twapet magħmulin minn filamenti tal-fibri tal-ħġieġ, għajr twapet tas-suf tal-ħġieġ.

13 L-investigazzjoni dwar is-sussidji u d-dannu kopriet il-perijodu bejn l-1 ta' April 2018 u l-31 ta' Marzu 2019, filwaqt li l-eżami tat-tendenzi utli għad-determinazzjoni tad-dannu kopra l-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2016 u t-tmiem tal-perijodu ta' investigazzjoni.

14 Matul il-perijodu ta' investigazzjoni, ir-rikorrenti biegħet FFĦ lil klijenti indipendenti, kemm fl-Eġittu kif ukoll barra mill-pajjiż. Hija biegħet ukoll FFĦ lil tliet klijenti konnessi fl-Unjoni, jiġifieri lil Jushi Spain SA, Jushi France SAS u Jushi Italia Srl, kif ukoll lil Hengshi Egypt Fiberglass Fabrics SAE (iktar 'il quddiem "Hengshi"), li tinsab ukoll fiż-żona CECS.

15 Ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni dwar is-sussidji u d-danni fl-24 ta' Ġunju 2019 u ppreżentat ir-risposta tagħha għall-kwestjonarju antisussidji f'Lulju 2019. Il-Kummissjoni wettqet ukoll żjara ta' verifika fil-bini tar-rikorrenti.

16 Fis-7 ta' Awwissu 2019, l-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani ppreżentaw ukoll ir-risposta tagħhom għall-kwestjonarju antisussidji.

17 Fit-12 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni emendat l-avviż tal-ftuħ tas-7 ta' Ġunju 2019, peress li skopriet provi addizzjonali dwar is-sussidji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-investigazzjoni antisussidji, jiġifieri self preferenzjali allegatament mogħti minn banek Ċiniżi pubbliċi jew ikkontrollati mill-Istat lir-rikorrenti, u qieset li kien iġġustifikat li dawn is-sussidji jiġu inklużi fil-kamp tal-investigazzjoni pendenti, skont l-Artikolu 10(7) tar-Regolament Antisussidji bażiku. Il-Kummissjoni żiedet li barra minn hekk ser teżamina jekk il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani u l-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi kinitx influwenzat programmi oħra ta' sussidji.

18 Wara li emendat l-avviż ta' ftuħ, il-Kummissjoni bagħtet, fit-12 ta' Frar 2020, talba għal informazzjoni lir-rikorrenti kif ukoll lill-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani li jikkonċernaw il-programmi ta' sussidji supplimentari inklużi fil-kamp tal-investigazzjoni.

19 Fl-14 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni bagħtet id-dokument ta' notifika tagħha minn qabel, fejn informat lir-rikorrenti bl-intenzjoni tagħha li tintroduċi miżuri kumpensatorji provviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' FFĦ. Fl-istess jum, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/199 tat-13 ta' Frar 2020 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU 2020, L 42, p. 10). Ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar din in-notifika fid-19 ta' Frar 2020.

20 Fis-17 ta' Frar 2020, l-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom bi tweġiba għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni, li fihom huma talbu li jirtiraw din it-talba għal informazzjoni, peress li huma ma kellhom ebda awtorità legali sabiex jikkoordinaw ir-risposta tal-entitajiet Ċiniżi li jinsabu barra mit-territorju sovran tagħhom. Fl-20 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rrispondiet għall-ittra tal-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani billi insistiet fuq il-fatt li l-informazzjoni mitluba setgħet tiġi pprovduta mingħandhom biss jew b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi. Fis-27 ta' Frar 2020, l-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani bagħtu ittra supplimentari billi tennew it-talba tagħhom intiża biex il-Kummissjoni tirtira t-talba għal informazzjoni tagħha minħabba li l-azzjonijiet ta' entitajiet Ċiniżi ma setgħux jiġu legalment attribwiti lill-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani u li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tagħhom. F'din l-ittra, huma talbu wkoll seduta quddiem l-uffiċjal tas-seduta, li nżammet fl-1 ta' April 2020.

21 L-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani, kif ukoll ir-rikorrenti, finalment ippreżentaw it-tweġibiet tagħhom għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni fil-5 ta' Marzu 2020.

22 Fl-4 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni bagħtet l-informazzjoni tagħha minn qabel lir-rikorrenti. L-għada, hija adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/379 li jimponi dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibri tal-ħġieġ b'filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu (ĠU 2020, L 69, p. 14, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Implimentazzjoni provviżorju"). Dan ir-regolament ta' implimentazzjoni ġie ppubblikat fis-6 ta' Marzu 2020 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u stabbilixxa dazju kumpensatorju provviżorju ta' 8.7 % fuq ir-rikorrenti.

23 Permezz tal-ittra tat-18 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li, abbażi tar-risposti tagħha mogħtija għat-talba għal informazzjoni, hija kellha tikkunsidra l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tar-Regolament Antisussidji bażiku fir-rigward ta' ċerta informazzjoni mitluba. Din irrispondiet għal din l-ittra fl-20 ta' Marzu 2020.

24 Fit-18 ta' Marzu 2020 ukoll, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni provviżorju u sussegwentement inżammet seduta dwar dan ir-regolament ta' implimentazzjoni mal-Kummissjoni.

25 Fid-29 ta' April 2020, il-Kummissjoni kkomunikat l-informazzjoni finali tagħha lir-rikorrenti, li dwarha hija ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fid-9 ta' Mejju 2020. Sussegwentement inżammet seduta dwar din l-informazzjoni mal-Kummissjoni.

26 Fl-24 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni kkontestat. L-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni jistabbilixxi dazju kumpensatorju definittiv ta' 13.1 % fuq l-importazzjonijiet tal-FFĦ tar-rikorrenti lejn l-Unjoni.

## II. It-talbiet tal-partijiet

27 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni kkontestat sa fejn jikkonċerna lilha;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż;

– tikkundanna lill-intervenjenti tbati l-ispejjeż tagħha stess.

28 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

## III. Fid-dritt

[*omissis*]

### *A. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 2(a) u (b), tal-Artikolu 3(1)(a), tal-Artikolu 4(2) u (3), kif ukoll tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament Antisussidji bażiku*

[*omissis*]

#### *1. Fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 2(a) u (b) kif ukoll tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Antisussidji bażiku*

38 Ir-rikorrenti jinvokaw tliet ilmenti prinċipali insostenn ta' din il-parti. L-ewwel nett, skonthom, l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Antisussidji bażiku ma hijiex iġġustifikata fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni. It-tieni, l-invokazzjoni mill-Kummissjoni tad-dritt tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) sabiex tinterpreta l-Artikolu 3(1)(a) ta' dan ir-regolament hija infondata. It-tielet, l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tal-Artikolu 1(1)(a)(1) tal-Ftehim dwar is-sussidji u l-miżuri kumpensatorji (iktar 'il quddiem il-"Ftehim SMK") ma tosservax il-ġurisprudenza tal-WTO u d-dritt internazzjonali pubbliku.

39 Insostenn tal-ewwel ilment, ir-rikorrenti ssostni li mill-interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Antisussidji bażiku, li l-kliem tiegħu huwa ċar u preċiż u mingħajr ma hemm bżonn li dan jiġi interpretat fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-liġi tat-Trattati, tat-23 ta' Mejju 1969 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Vjenna") u tal-abbozz ta' artikoli dwar ir-responsabbiltà tal-Istat għal fatt internazzjonalment illegali, kif ġie adottat fl-2001 mill-Kummissjoni tad-dritt internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti (iktar 'il quddiem l-"artikoli tal-KDI"), jirriżulta li, mhux biss l-awtoritajiet pubbliċi li jagħtu l-kontribuzzjoni finanzjarja, iżda anki l-kontribuzzjoni finanzjarja nnifisha, għandhom ikunu fil-ġurisdizzjoni territorjali tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-esportazzjoni. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-kuntest globali tar-Regolament Antisussidji bażiku, b'mod partikolari l-Artikolu 10(7) u l-Artikolu 13(1) ta' dan tal-aħħar.

40 Insostenn tat-tieni lment, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta interpretat l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Antisussidji bażiku fid-dawl tad-dritt tal-WTO. Hija tindika li għalkemm, skont il-ġurisprudenza, il-qorti tal-Unjoni tista' tistħarreġ il-legalità ta' att tal-Unjoni fid-dawl tar-regoli tal-WTO meta l-Unjoni jkollha l-intenzjoni li timplimenta obbligu partikolari assunt fil-kuntest tal-WTO, madankollu, f'dan il-każ, interpretazzjoni fid-dawl tad-dritt tal-WTO ma tistax tiġi invokata fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Antisussidji bażiku li huma differenti minn dawk tal-Ftehim SMK. Issa, skont ir-rikorrenti, it-termini tal-Ftehim SMK huma manifestament differenti minn dawk użati minn dan ir-regolament fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "sussidju".

41 Insostenn tat-tielet ilment, ir-rikorrenti targumenta li, jekk wieħed jassumi li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni d-dritt tal-WTO sabiex tiġi interpretata l-espressjoni "awtoritajiet pubbliċi" fir-Regolament Antisussidji bażiku, l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tal-Artikolu 1(1)(a)(1) tal-Ftehim SMK tibqa' żbaljata, sa fejn tikser l-Artikolu 31(1) u (3) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna. Fil-fatt, minn dan l-artikolu tal-Ftehim SMK jirriżulta b'mod ċar li l-atti tal-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi ma jistgħux jiġu attribwiti lill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata minn dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-ftehim, bħall-Artikolu 13(1), (2) u (4) u l-Artikolu 18(1)(a).

42 Barra minn hekk, l-Artikolu 11 tal-artikoli tal-KDI ma huwiex regola "rilevanti" tad-dritt internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 31(3)(c) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-interpretazzjoni tal-espressjoni "awtoritajiet pubbliċi" li tinsab fl-Artikolu 1(1)(a)(1) tal-Ftehim SMK. Il-Korp

tal-Appell tal-WTO ma kienx iddeċieda mod ieħor fil-każ "L-Istati Uniti – Dazji antidumping u dazji kumpensatorji definittivi fuq ċerti prodotti miċ-Ċina" (WT/DS 379/AB/R). Fir-replika, ir-rikorrenti żżid li, kieku d-dritt applikabbli f'din l-investigazzjoni kien il-Ftehim SMK minflok ir-Regolament Antisussidji bażiku, il-Kummissjoni kienet tkun tista' tikklassifika bħala sussidji, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tal-Ftehim SMK, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija minn entitajiet Ċiniżi lir-rikorrenti, u dan mingħajr ma jkollha għalfejn "tattribwixxi" dawn il-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani abbażi tal-Artikolu 11 tal-artikoli tal-KDI. F'kull każ, l-Artikolu 11 tal-artikoli tal-KDI ma huwiex applikabbli f'dan il-każ, peress li huwa intiż biex jirregola l-aġir ta' Stat inkorporat fi Stat ieħor wara l-akkwist ta' territorju, li huwa attribwibbli lill-Istat li jissuċċedi, jew inkella l-adozzjoni sussegwenti minn Stat ta' aġir kundannabbli privat li twettaq jew li qed jitwettaq. Fil-fatt, huma l-Artikoli 16 sa 18 tal-artikoli tal-KDI li jirregolaw ir-responsabbiltà tal-Istat minħabba l-fatt ta' Stat ieħor, u mhux l-Artikolu 11 ta' dawn l-artikoli.

43 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-intervenjenti, tikkontesta dawn l-argumenti.

44 Kif jirriżulta mill-punt 39 iktar 'il fuq, skont ir-rikorrenti, l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Antisussidji bażiku, b'mod partikolari tal-kunċett ta' "awtoritajiet pubbliċi" tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni, ma hijiex iġġustifikata fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni.

45 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, kull dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandha titqiegħed mill-ġdid fil-kuntest tagħha u għandha tiġi interpretata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan id-dritt, tal-għanijiet tagħha u tal-istat tal-iżvilupp tagħha fid-data li fiha għandha ssir l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Association France Nature Environnement, C-379/15, EU:C:2016:603, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 F'dan ir-rigward, l-ewwel, għandu jitfakkar li l-Artikolu 3 tar-Regolament Antisussidji bażiku jipprovdi li sussidju għandu jitqies li jeżisti jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1 u 2 tiegħu jiġu ssodisfatti, jiġifieri jekk hemm "kontribut finanzjarju" mill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni u jekk b'hekk jingħata "benefiċċju".

47 L-Artikolu 2(b) tal-imsemmi regolament jiddefinixxi l-kunċett ta' "awtoritajiet pubbliċi" bħala kull korp pubbliku tal-ġurisdizzjoni territorjali tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni.

48 Issa, id-definizzjoni ta' "awtoritajiet pubbliċi" li tinsab f'dan l-artikolu sempliċement tinterpreta l-kunċett ta' "awtoritajiet pubbliċi" bħala li jinkludi l-korpi pubbliċi tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma teskludix li l-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tiġi attribwita lill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat, skont il-provi speċifiċi disponibbli.

49 It-tieni, għandu jiġi rrilevat li l-premessa 5 ta' dan ir-regolament tipprovdi li "[h]uwa neċessarju, meta tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' sussidju, li jintwera l-għoti ta' kontribut finanzjarju mill-awtoritajiet pubbliċi jew minn kwalunkwe korp pubbliku, fit-territorju ta' pajjiż, jew l-eżistenza ta' forma ta' protezzjoni tad-dħul jew ta' sostenn tal-prezzijiet fis-sens tal-Artikolu XVI tal-GATT 1994, u li vantaġġ ikun ibbenefika lil impriża".

50 Issa, il-kliem "fit-territorju ta' pajjiż" użati f'din il-premessa ma jimplikawx li l-kontribuzzjoni finanzjarja għandha toriġina direttament mill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni. Għall-kuntrarju, l-użu ta' dan il-kliem, kif tirrileva l-Kummissjoni, ma jeskludix il-possibbiltà li jiġi konkluż li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu imputati lill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni tal-prodott ikkunsidrat.

51 B'hekk, ir-Regolament Antisussidji bażiku ma jeskludix li, anki jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja ma tkunx ġejja direttament mill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni, din il-kontribuzzjoni tista' tiġi imputata lilhom.

52 Il-konklużjoni preċedenti hija iktar u iktar rilevanti fil-kuntest speċifiku taż-żona CECS, li fuqha hija stabbilita r-rikorrenti.

53 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni, fil-premessa 78 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kkontestat, żewġ dikjarazzjonijiet ta' żewġ presidenti Eġizzjani dwar iż-żona CECS. L-ewwel waħda, tal-2012, ikklassifikat lil din iż-żona bħala proġett prinċipali għall-kooperazzjoni bilaterali bejn l-Eġittu u ċ-Ċina. It-tieni waħda, tal-2014, kienet relatata mal-inizjattiva "Belt and Road" u ppreċiżat b'mod partikolari li din l-inizjattiva kienet opportunità importanti għar-ristrutturar Eġizzjan u li l-awtoritajiet Eġizzjani kienu lesti jipparteċipaw attivament u biex jagħtu l-appoġġ tagħhom. L-awtoritajiet Eġizzjani xtaqu jikkooperaw maċ-Ċina sabiex jiżviluppaw, b'mod partikolari, il-proġetti tal-kuritur tal-Kanal ta' Suez u taż-żona CECS u jinkoraġġixxu lill-impriżi Ċiniżi jinvestu fl-Eġittu.

54 F'dan ir-rigward, il-premessa 79 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kkontestat tindika li l-karatteristiċi tal-inizjattiva Ċiniża "Belt and Road" huma magħrufa u li, skont l-opinjonijiet ta' gwida tal-Kunsill tal-Affarijiet tal-Istat dwar il-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura ta' tagħmir Ċiniż tat-13 ta' Mejju 2015, il-miżuri li jistgħu jirċievu l-impriżi li "jistabbilixxu ruħhom barra mill-pajjiż" jinkludu b'mod partikolari l-politika fiskali u ta' għajnuna fiskali, is-self b'kundizzjonijiet liberali, l-għajnuna finanzjarja mogħtija permezz ta' self sindakat, il-kreditu fuq l-esportazzjoni u l-finanzjament ta' proġetti, l-investimenti f'fondi proprji u finalment, l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni.

55 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni, fil-premessa 81 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kkontestat, il-fatt li ż-żona CECS kienet is-suġġett tal-Ftehim ta' kooperazzjoni tal-2016 bejn l-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi u dawk Eġizzjani. Issa, dan il-ftehim jipprevedi b'mod partikolari, skont l-Artikolu 1 tiegħu, li jħalli l-possibbiltà lir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li tapplika wħud mil-liġijiet tagħha fi ħdan iż-żona CECS. L-Artikolu 4(1) tal-imsemmi ftehim jipprovdi li "[i]l-Gvern Ċiniż jikkunsidra ż-żona [CECS] bħala ż-żona ta' kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali taċ-Ċina barra mill-pajjiż" u li "[i]ż-żona ta' kooperazzjoni, matul il-kostruzzjoni, l-attrazzjoni tal-operaturi u l-isfruttament, għandha dritt għas-sostenn politiku u għall-faċilitazzjoni pprovduta mill-Gvern Ċiniż għaż-żoni ta' kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali ekstraterritorjali". L-Artikolu 5(1) ta' dan il-ftehim jipprovdi wkoll li l-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi jsostnu ż-żona ta' kooperazzjoni billi "[j]inkoraġġixxu lill-istabbilimenti finanzjarji kkonċernati joffru faċilità finanzjarja għal [...] proġetti ta' investiment li jinsabu fiż-żona ta' kooperazzjoni, sakemm il-kundizzjonijiet ta' self u r-rekwiżiti tal-użu tas-self ikunu osservati".

56 Fit-tielet lok, il-premessa 48 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kkontestat tindika li, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' kooperazzjoni tal-2016, l-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi u Eġizzjani implimentaw mekkaniżmu ta' konsultazzjoni fuq tliet livelli, b'mod partikolari Ftehim ta' kooperazzjoni għall-ħolqien ta' kummissjoni amministrattiva responsabbli għaż-żona CECS,

kumitat ta' tmexxija taż-żona, imbagħad twissija tal-problemi u tad-diffikultajiet mill-kumpannija Egypt TEDA u l-omologi Eġizzjani. Barra minn hekk, mill-premessa 40 tal-istess regolament jirriżulta li Egypt TEDA hija miżmuma 80 % mill-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi u 20 % mill-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani u hija intiża biex tiffavorixxi l-iżvilupp taż-żona CECS fl-Eġittu.

57 Fl-aħħar nett, mill-premessa 173 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kkontestat jirriżulta li l-appoġġ finanzjarju mogħti lir-rikorrenti kien partikolarment sinjifikattiv.

58 L-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi u Eġizzjani għalhekk, f'kollaborazzjoni mill-qrib, implimentaw iż-żona CECS bħala żona li għandha karatteristiċi legali u ekonomiċi li jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi jagħtu direttament il-faċilitajiet kollha inerenti għall-inizjattiva Ċiniża "Belt and Road" lill-impriżi Ċiniżi stabbiliti f'din iż-żona.

59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi aċċettat li kostruzzjoni ekonomika u legali ta' portata bħal dik taż-żona CECS, ikkonċepita f'kollaborazzjoni stretta bejn l-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi u dawk Eġizzjani fl-ogħla livell, tiġi eskluża mir-Regolament Antisussidji bażiku mingħajr ma dan jippreġudika l-effett utli jew l-għan u l-iskopijiet tiegħu.

60 It-tielet, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Antisussidji bażiku la tmur kontra l-Artikolu 10(7) u lanqas kontra l-Artikolu 13(1) ta' dan l-istess regolament. Fil-fatt, fir-rigward tal-Artikolu 10(7), ir-Regolament Antisussidji bażiku bl-ebda mod ma jeskludi li l-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni jkunu jistgħu jiġu kkonsultati fuq il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li huma imputabbli lilhom. F'dan il-każ, mill-proċess jirriżulta barra minn hekk li l-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani biex jibdew konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet bħas-self preferenzjali mogħti minn entitajiet Ċiniżi.

61 Fir-rigward tal-Artikolu 13(1) tal-imsemmi regolament, li jippermetti b'mod partikolari lill-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni li jelimina s-sussidju, li jillimitah jew li jieħu miżuri oħra relatati mal-effetti tiegħu, tali possibbiltà tibqa' valida fil-każijiet fejn il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tiġi attribwita lill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni. Fil-fatt, f'dan il-każ, l-awtoritajiet pubbliċi Eġizzjani kellhom il-possibbiltà li jtemmu l-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet finanzjarji jew li jipproponu miżuri intiżi sabiex jillimitaw l-effetti tas-sussidji inkwistjoni.

62 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li la l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Antisussidji bażiku, u lanqas l-istruttura ġenerali tiegħu ma jeskludu li kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiż terz tista' tiġi imputata lill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni f'każ bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża, fid-dawl tal-provi speċifiċi disponibbli, kif esposti fil-punti 53 sa 58 iktar 'il fuq.

63 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, din il-konklużjoni hija sostnuta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ftehim SMK, li fid-dawl tiegħu għandu jiġi interpretat ir-Regolament Antisussidji bażiku. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-każ fejn l-Unjoni kellha l-intenzjoni timplimenta obbligu partikolari assunt fil-kuntest tal-WTO, jew fil-każ fejn l-att tal-Unjoni jirreferi espressament għal dispożizzjonijiet preċiżi tal-ftehimiet tal-WTO, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tistħarreġ il-legalità tal-att tal-Unjoni inkwistjoni fid-dawl tar-regoli

tal-WTO (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021, Interpipe Niko Tube u Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant vs Il-Kummissjoni, T-716/19, EU:T:2021:457, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Issa, mill-premessa 3 tar-Regolament Antisussidji bażiku jirriżulta li dan tal-aħħar għandu b'mod partikolari l-għan li "jittrasponi" fid-dritt tal-Unjoni, "sa fejn ikun possibbli", ir-regoli tal-Ftehim SMK.

65 Barra minn hekk, diġà ġie stabbilit mill-ġurisprudenza li l-Artikolu 3 tar-Regolament Antisussidji bażiku, intitolat "Definizzjoni ta' sussidju", u l-Artikolu 1 tal-Ftehim SMK huma fil-parti l-kbira identiċi fir-rigward tal-formulazzjoni tagħhom u kompletament identiċi fir-rigward tas-sustanza tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' April 2019, Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs Il-Kummissjoni, T-300/16, EU:T:2019:235, punt 99).

66 Barra minn hekk, mill-premessi tar-Regolament Antisussidji bażiku ma tirriżulta ebda rieda tal-leġiżlatur li jitbiegħed mis-sustanza tal-Artikolu 1(1)(a)(1) tal-Ftehim SMK. Għall-kuntrarju, kif jirriżulta mill-premessa 3 ta' dan ir-regolament iċċitat fil-punt 64 iktar 'il fuq, il-leġiżlatur ried jimplimenta obbligu partikolari assunt fil-kuntest tal-Ftehim SMK fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 63 iktar 'il fuq.

67 Għalhekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Antisussidji bażiku għandhom jiġu interpretati, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Ftehim SMK (sentenza tal-10 ta' April 2019, Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs Il-Kummissjoni, T-300/16, EU:T:2019:235, punt 101). L-istess japplika għall-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, li huwa intiż biex jimplimenta l-kontenut tal-Artikolu 1 tal-Ftehim SMK (sentenza tal-10 ta' April 2019, Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs Il-Kummissjoni, T-300/16, EU:T:2019:235, punt 102).

68 Fir-rigward tal-Artikolu 1(1)(a)(1) tal-Ftehim SMK, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li dan tal-aħħar jiddefinixxi s-sussidju bħala kontribuzzjoni finanzjarja tal-awtoritajiet pubbliċi jew ta' kwalunkwe korp pubbliku tal-ġurisdizzjoni territorjali ta' membru "wieħed" tal-WTO. Għaldaqstant, din il-formulazzjoni ma teskludix il-possibbiltà li kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija minn pajjiż terz tista' tiġi imputata lill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni, peress li huwa biżżejjed li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-awtoritajiet pubbliċi jew ta' kwalunkwe korp pubbliku tkun taqa' taħt il-kompetenza territorjali ta' membru "wieħed" tal-WTO.

69 Fit-tieni lok, l-Artikoli 13 u 18 tal-Ftehim SMK, li jirrigwardaw rispettivament il-konsultazzjonijiet u l-impenji, ma jpoġġux indiskussjoni l-kunsiderazzjonijiet preċedenti. Fil-fatt, il-kliem u l-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet ma jeskludux is-sitwazzjonijiet li fihom il-kontribuzzjoni finanzjarja hija imputata lil membru tal-WTO, peress li, minn naħa, il-membri li l-prodotti tagħhom jistgħu jkunu s-suġġett ta' investigazzjoni jistgħu jiġu kkonsultati dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji imputabbli lilhom u, min-naħa l-oħra, il-membri li l-prodotti tagħhom jistgħu jkunu s-suġġett ta' investigazzjoni jistgħu jimponu limitazzjonijiet għas-sussidji imputabbli lilhom.

70 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi rrilevat li, peress li l-Kummissjoni interpretat b'mod korrett ir-Regolament Antisussidji bażiku fid-dawl tal-Ftehim SMK, il-fatt li hija ħadet inkunsiderazzjoni jew le l-Artikolu 11 tal-artikoli tal-KDI huwa ineffettiv. Konsegwentement, it-tielet ilment ta' din il-parti għandu jiġi miċħud ukoll u, għaldaqstant, din il-parti għandha tiġi miċħuda kollha kemm hi.

[*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Jushi Egypt for Fiberglass Industry SAE għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.**

3) **L-Association des producteurs de fibres de verre européens (APFE) għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.**

| | | |
|---|---|---|
| Kanninen | Jaeger | Półtorak |
| Porchia | | Stancu |

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-1 ta' Marzu 2023.

Firem